MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 658/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Domenic Grima, iben George,
imwieled Pieta' fis-16 ta'
ġunju, 1961

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' ġunju, 2002 għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa l-każin San Gaetano, il-Ħamrun ħebb għal Vincent Mifsud u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skond kif iċċertifika Dr. Konrad Borg M.D. mill-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod ieħor;

3. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Vincent Mifsud u persuni oħra sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi, tipprovdi għas-sigurta' ta' Vincent Mifsud u torbot lill-imsemmi Domenic Grima bl'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali; u
ċ. fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' ottubru, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fis-17 ta' ]unju, 2002 għal ħabta tal-11.00 a.m. l-imputat flimkien ma ibnu daħlu fil-każin tal-banda ta' San Gaetano. It-tifel ta' l-imputat li hu minorenni ried jilgħab il-billiards. Huma daħlu iżda fuq il-mejda tal-billiards kien hemm żewġ persuni li kienu qed jilgħabu. Sa hawnhekk, l-imputat u Vincent Mifsud jaqblu fuq il-fatti iżda minn hawn 'il quddiem il-versjonijiet rispettivi huma differenti.

Illi skond ix-xhieda ta' Vincent Mifsud, li hu barman ta' dan il-każin, l-imputat ippretenda li jilgħab fejn dak il-ħin kien hemm żewġ anzjani li kienu qed jilgħabu. Vincent Mifsud kellem lill-imputat li min-naħa tiegħu beda jkellmu ħażinu

beda jistiednu għal ġlied. Imbagħad ġew fl-idejn u l-imputat waqqgħu mal-art.

Illi konsegwenza ta’ din il-ġlieda Vincent Mifsud zloga spaltu x-xelluqija u konsegwenza ta’ dan ġarrab ħsara fin-nerv radjali li jikkontrolla l-moviment tal-polz. Din hi klassifikata bħala ferita gravi ‘per durata’.

Illi skond l-imputat kien hemm żewġ anzjani qed jilagħbu iżda billi damu l-imputat talabhom biex hu ikun jista’ jilgħab ma ibnu. Dawn aċċettaw iżda Vincent Mifsud dar lejh u qallu li kieku kien hu ma kienx iħallih jilgħab. F’daqqa waħda ġie jiġri għal fuq l-imputat u baqa’ dieħel bir-ras fuqu. L-imputat xehed li hu ddefenda ruħu u ġarrab ferita fuq rasu konsegwenza ta’ daqqa ta’ bilja li Brandon Mifsud tah fuq rasu u ta ġidma fuq kuxxtejh li għamillu Vincent Mifsud. Brandon Mifsud hu iben Vincent Mifsud. Daniel Grima, iben l-imputat, ikkorobora l-versjoni ta’ missieru. Kemm l-imputat, kif ukoll ibnu, xehdu li Vincent Mifsud weġġa spalltu għaliex baqa’ dieħel fuq il-bank tal-bar u b’hekk sloga spalltu.

Illi mhemmx dubju li dan l-inċident ġara fil-prezenza ta’ aktar minn persuna waħda iżda x-xhieda li ġew prodotti ma jgħidux kif ġara verament l-inċident. Jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija li waslu fuq il-post wara l-inċident li l-imputat kellu ferita fuq rasu li minnha kien ħiereġ id-demm u li Vincent Mifsud kellhu uġih qawwi fi spalltu x-xelluqija.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx xhieda nekwivokkabli li ma tħalli ebda dubju fuq ir-responsabilta’ kriminali ta’ l-imputat u id-dubju għandu jmur favur l-imputat. Daqstant, mhemmx provi konklussivi dwar it-tielet akkuża.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm ksur volontarju tal-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u bil-ġlied.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta’ l-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u

tikkundannah għal ħlas ta’ ammenda ta’ ħamsa u għoxrin liri maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------